MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Mandat Numru. 77/2014/1

**Carmela Abela (ID 0569361 (M))**

**vs**

**Angelo Abela (ID 179659 (M))**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat it-27 ta' Marzu, 2014;

2. Rat id-digriet preliminari taghha ukoll datat is-27 ta' Marzu, 2014;

3. Rat ir-risposta tal-intimat datata l-11 t'April, 2014;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi ir-rikors promotur jista` jigi sintetikament espost bil-mod segwenti:

6.1. Illi r-rikorrenti ghandha interess tipprotegi id-drittijiet taghha;

6.2. Illi biex tipprotegi dawn id-drittijiet qed tutilizza l-procedura odjerna biex:

6.2.1. Izomm lill-intimat fuq indikat milli jbiegh, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* mill-propjeta` tal-kommunjoni, mobbli jew immobbli, b'titolu oneruz jew gratuwitu, u/jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u /jew personali;

6.2.2. Dan, biex tigi salvagwardata l-kommunjoni tal-akkwisti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi r-risposta tal-intimat tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

7.1. Illi il-partijiet prezentament ghaddejjin minn procedura ta’ separazzjoni;

7.2. Illi bil-ghan li jasslu ghal separzzjoni bonarja il-partijiet qasmu l-assi kollha taghhom f’zewg (2) prozjonijiet, (ara fol 17);

7.3. Illi l-ghazla tal-porzjonijiet thalliet f-idejn ir-rikorrenti odjerna;

7.4. Illi l-intimat jidher li ikkonceda wkoll li kemm il-darba r-rikorrenti thoss li s-socjeta` Ganza *“Cash & Carry Limited”* ghandha valur aktar mill-porzjon li eventwalment imiss lilha, ir-rikorrenti inghatat il-fakolta` li tiehu l-azzjonijiet fl-imsemmija socjeta`;

7.5. Illi l-mandat odjern hu intiz biss biex iwaqqaf u jippregudika in-negozju involut;

7.6. Illi l-immobbli jirrikjedu il-firma taz-zewg (2) kontendenti biex jigu trasferiti lill-terzi;

7.7. Illi ghalhekk, il-mandat odjern ma jaghmel l-ebda sens;

7.8. Illi l-operazzjonijiet f' Ta' Ganza "*Supermarket*" m'ghandhomx jigu effetwati;

7.9. Illi ma gie ikkreat l-ebda piz lill-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

7.10. Illi l-mandat odjern inhareg biss b'inkejja;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, tirrileva is-segwenti:

8.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jkun pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna intavolata mir-rikorrenti hu li zzomm lill-intimat milli jaghmel xi haga, tkun li tkun, li tista` tirreka hsara immedjata lill-parti rikjedenti;

8.2. Illi biex dan l-iskop jintlahhaq b'mod legittimu jinhtieg is-segwenti:

8.2.1. Illi r-rikorrenti turi li l-mandat minnha rikjest hu procedura necessarja biex jigu protetti id-drittijiet legittimi taghha;

8.2.2. Illi jkun jidher li r-rikorrenti ghandha wkoll *prima facie* dawk id-drittijiet minnha vantati;

Ikkunsidrat:

9. Illi mill-fatti kif esposti mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet u mid-dokumenti esebiti jirrizulta s-segwenti:

9.1. Illi l-vertenza in dizamina tiffoka principalment fuq il-kumulu ta’ propjeta` mobbli u immobbli, formanti l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti;

9.2. Illi l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti tikkonsisti fil-possibilita` reali li l-parti li eventwalment tigi konsenjata lilha minn din il-kommunjoni tigi irrimedjabbilment pregudikata b’xi atti inkonsulti tal-intimat li effettivament imexxi u ghandu l-kontroll effettiv tal-varji negozji immexxija minnu izda formanti parti mill-imsemmija kommunjoni;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-preokkupazzjonijiet vantati mir-rikorrenti huma effettivament reali, possibbli u attwabbli;

11. Illi tali preokkupazzjoni tista` semplicement tavvera ruhha billi l-intimat jghabbi in-negozji tieghu, inkluz l-immobbli elenkati, b’pizijiet okkultati li r-rikorrenti *a priori* ma tkunx taf li gew minnu hekk fuqhom imposti;

12. Illi ghalhekk, id-drittijiet li r-rikorrenti prezentament tippossjedi jistghu facilment jigu pregudikati;

13. Illi ghalhekk, hi l-fehma ta’ din il-qorti li l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti hi wahda legittima u li allura, tattira l-protezzjoni statutorja fuq riferita, (ara paragrafu numru tmienja, (8), aktar qabel);

**DECIDE:**

14.0. Illi in vista tas-suespost, tqis li r-rikorrenti ippruvat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement takkolji t-talbiet tal-istess rikorrenti, u ghaldaqstant;

14.1. Tvarja *Contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat is-27 ta' Marzu, 2014, b'mod li issa l-mandat t'inibizzjoni *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

14.2. Bl-ispejjez kontra l-intimat Angelo Abela.

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------